# L-Istorja Pastorali ta' l-Iklin minn Josef Mario Briffa

Sabiex insibu tarf nimxu 'l quddiem irridu nifhmu kif wasalna s'hawn. Il-Komunità ta' l-Iklin, bħal kull komunità oħra, trid tara x'kisbet tul is-snin biex timxi 'l quddiem.

L-ewwel forma ta' servizz pastorali fl-Iklin huwa wieħed qadim ferm. Il-Kappella ta' San Mikiel, li llum naraw fuq l-għolja tas-Simblija, ilha wieqfa minn qabel il-Vista Appostolika ta' Mons. Dusina fl-1575. Mons. Dusina ħallielna deskrizzjoni tagħha - jgħidilna li l-kappella kienet mibnija fl-inħawi ta' "li Chili", viċin Ħal-Lija; kellha biss artal wieħed, u kienet nieqsa minn kollox, la kellha paviment, la bieb, u lanqas rettur. Tant hu hekk Mons. Dusina ordna li m'għandhiex tintuża għall-quddiesa qabel isirilha bieb. Il-kappella reġgħet ġiet mibnija fil-bidu tas-Seklu XVII, aktarx fl-1615, bi flus Jeronimo Hagius li waqqaf ukoll il-ġuspatronat. Nafu li Jeronimo Hagius kien benefattur kbir tal-kappella u kien ukoll sagristan; aktarx li qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu bħala eremita. Il-kappella hija mdaqqsa meta mqabbla ma' oħrajn fil-kampanja. Il-pittura titulari, li tinsab fuq l-uniku artal fil-kappella, turi lil San Mikiel rebbieħ fuq ix-xitan, iżommu b'katina. Il-kappella nżammet dejjem, fi stat tajjeb għax kellha ġnien u għalqa mħollija lilha. Insibu l-ġnejna u l-għalqa msemmija f'bosta dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-kappella, u l-flus li kienu jidħlu mill-qbiela tagħhom kien imur fil-fondi tagħha. Fil-kappella nsibu sett ta' gandlieri, vażetti u *carte di gloria*, kollha arġentati lejn nofs is-seklu dsatax. Id-devozzjoni tan-nies ta' Ħal-Lija lejn San Mikiel tidher ukoll minn kwadru ex-voto ta' San Mikiel li jġib id-data 1633. Dan il-kwadru, li konna nsibu f'din il-kappella sal-1974, ġie rrestawrat u llum huwa miżmum fil-Mużew Parrokkjali ta' Ħal-Lija.

Sa xi snin ilu kienu jiġu ċċelebrati żewġ festi ta' San Mikiel, waħda nhar it-8 ta' Mejju, u l-oħra nhar id-29 ta' Settembru. Dawn il-festi kienu jiġu ċċelebrati b'vespri lejlet, u quddies nhar kull festa. Illum il-festa tiġi ċċelebrata b'quddiesa wara nofs in-nhar, nhar l-aħħar Ħadd ta' Settembru. Il-festa hija ħelwa u ta' min jattendi għaliha, minbarra li hija l-unika ġurnata li fiha din il-ġawhra ta' kappella tkun miftuħa għall-pubbliku.

Il-Kappella bil-mod il-mod tilfet l-importanza tagħha tant li lejn il-bidu ta' dan is-seklu kienet tintuża biss fil-festi. Għalhekk, meta fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet beda tiela' dan il-bini kollu, l-eqreb knisja kienet jew ta' Ħal-Lija jew ta' Birkirkara. Fil-bidu tat-tmeninijiet inkera garaxx fil-bidu ta' Triq Stefano Erardi sabiex jintuża għat-tagħlim tad-duttrina tat-tfal ta' l-Iklin (il-parti li kienet dejjem mal-parroċċa ta' Ħal-Lija).

Beda jinħass il-bżonn ta' garaxx akbar, kemm għad-duttrina kif ukoll għall-quddies. Fuq inizjattiva tal-Kappillan ta' Ħal Lija, Dun Alfred Xuereb, fl-1987 inkera garaxx akbar fi Triq Louis F. Mizzi (viċin ta' fejn illum hemm iċ-Ċentru San Ġwann Bosco) u fis-sajf ta' dik is-sena beda jsir quddies darba fil-ġimgħa, nhar ta' Sibt fil-5.00 p.m., kif ukoll nhar l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, fis-6.15 p.m. Il-garaxx kien vojt għal kollox: bdejna b'mejda żgħira bħala artal (mejda li llum tinsab fis-sagristija), b'żewġ xemgħat u salib żgħir ta' l-injam, u siġġijiet mill-Knisja l-Qadima tas-Salvatur... kien bidu żgħir. Iżda miż-żerriegħa x-xitla bdiet tikber. Dun Mosè Borġ, Rettur taċ-Ċentru Pastorali, ħadem biex bil-mod il-mod iċ-Ċentru jimxi 'l quddiem. Ħa ħsieb li jsir artal aktar xieraq, li jinxtraw siġġijiet aktar komdi, li ssir il-Via Sagra, li jsiru l-ambone u l-konfessinarju; inxtraw il-fannijiet u sistema ta' loud-speakers. Saru xi karti għall-kant, u aktar tard inxtraw il-kotba. Waqt li ċ-Ċentru baqa' jissebbaħ u jsir iktar xieraq bħala d-Dar ta' Alla, kompla jsir iktar popolari u importanti; bdiet issir quddiesa nhar ta' Ħadd fl-10.00 a.m., u fis-sajf ta' l-1990 beda jsir il-quddies kuljum, kull filgħaxija fis-6.15 p.m., fuq inizjattiva tal-Kappillan ta' Ħal-Lija, Dun Alfred Xuereb. Dun Mosè ħa ħsieb li jibdew isiru wkoll l-Adorazzjoni nhar it-tieni Tnejn ta' kull xahar kif ukoll il-Via Sagra nhar l-ewwel Tlieta tax-xahar. Ir-riżultat ta' dan ix-





xogħol beda jidher l-aktar waqt it-Tberik; il-komunità kienet bdiet tingħaqad! F'dan l-ewwel Ċentru rat il-bidu tagħha l-Għaqda ta' L-Abbatini, bħalma raw il-bidu tagħhom bosta għaqdiet oħra. Nhar il-31 ta' Jannar 1993, fl-istess triq taċ-Ċentru Pastorali, infetaħ iċ-Ċentru għad-Duttrina San Ġwann Bosco, li għadu jintuża għat-tagħlim tad-duttrina sa llum.

Iż-żmien iġib miegħu il-bidla, u dan jidher anki fl-Iklin. Nhar it-3 ta' Lulju 1993, l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Ġużeppi Mercieca ħareġ digriet li, permezz tiegħu, iż-Żona ta' l-Iklin fil-parroċċi ta' Ħal-Lija u ta' Sant'Elena, Birkirkara, ingħaqdu f'Żona waħda, għalissa marbuta mal-parroċċa ta' Ħal Lija. Benefattur għoġbu jagħti post fi Triq Ġużeppi Calleja lill-parroċċa ta' Ħal-Lija, biex ikun jista' jintuża għall-użu pastorali. B'ħidma tal-Kappillan, Dun Nazzareno Caruana, dan il-post ġie rranġat biex jista' jintuża bħala Kappella u nġarr kollox miċ-Ċentru Pastorali ta' Triq L.F. Mizzi. Dan iċ-Ċentru Pastorali tbierek mill-Vigarju Ġenerali Mons. Annetto Depasquale nhar is-Sibt, 24 ta' Lulju 1993.

F'Settembru ta' wara Dun Charles J. Scicluna, saċerdot residenti l-Iklin, ġie mistieden minn Dun Nazzaren biex jibda jqaddes il-quddiesa tat-8.30 a.m. kull nhar ta' Ħadd. Il-Komunità setgħet tibda tiltaqa' iktar numeruża biex tiċċelebra l-liturġija b'mod iktar dinjituż. Fil-bidu ta' l-1994 Fr. Paul Pace S.J. beda jqaddes il-quddiesa ta' l-10.00 a.m. nhar ta' Ħadd. Reġa' beda jiltaqa' l-Kunsill Pastorali, u ċ-Ċentru stess kompla jiġi msebbaħ: saru dwal ġodda, ġiet irranġata s-sistema tal-loud speakers, inxtraw kotba ġodda tal-kant, u saret Via Sagra ġdida. Dun Charles irregala ċensier liċ-Ċentru Pastorali li żżanżan f'Ħamis ix-Xirka ta' din is-sena. Fis-16 ta' Mejju 1994 bdiet tiġi ċċelebrata quddiesa kuljum filgħodu fit-8.30 a.m. u bdew jieħdu ħsiebha Dun Charles u Fr. Nicholas Cachia. Fiċ-Ċentru Pastorali ta' Triq Ġużeppi Calleja saru għall-ewwel darba l-Quddiesa ta' nofs-il-lejl tal-Milied (fl-1993), ta' Ħamis ix-Xirka bil-ħasil tar-riġlejn (fl-1994) u t-Tifkira tal-Passjoni tal-Mulej nhar il-Ġimgħa l-Kbira (fl-1995). Iċ-Ċentru Pastorali organizza għall-ewwel darba l-purċissjoni bil-Bambin lejlet il-Milied 1994 u dak inhar ukoll saret il-priedka tat-tifel miktuba għall-okkażjoni minn Lewis Scicluna. Għall-Ġimgħa Mqaddsa 1995 iżżanżan sett ta' erbatax-il salib tal-Via Sagra bid-dawl. Intużaw għall-ewwel darba fi Triq Karmenu Vassallo.

Avveniment importanti fl-istorja pastorali tal-komunità ta' l-Iklin kienet il-Festa tal-Komunità li ġiet organizzata nhar it-22 ta' Lulju 1994. Diversi lajċi ħadmu għalenija taħt it-tmexxija ta' Dun Charles u ta' Lewis Scicluna biex organizzaw attività soċjali li ferrħet lil ħafna nies u kienet pass importanti fil-bini tal-komunità. L-attività, li saret fi Pjazza Ninu Cremona, bdiet b'quddiesa mmexxija mill-Kappillan u kkonċelebrata minn Dun Mosè u Dun Charles.

Fil-ħarifa ta' l-1994 bdew diversi inizjattivi ġodda. Diversi nisa għamlu l-kors ta' katekisti u bdew jgħinu fis-servizz ta' katekeżi offrut miċ-Ċentru tad-Duttrina San Ġwann Bosco. Grupp sabiħ ta' lajċi, immexxija mill-koppja Joe u Marlene Galea, bdew jiltaqgħu kull ħmistax għal laqgħat ta' riflessjoni u tagħlim dwar il-Bibbja (EBDA). Dun Charles ħa ħsieb ilaqqa' grupp ta' żgħażagħ għal attività differenti darba kull xahar. Dawn il-laqgħat laħqu mument importanti fil-*Live-In* għar-Randan li sar fil-YTC Bungalow il-Buskett f'Marzu 1995, u li għalih attendew 23 żagħżugħ u żagħżugħa. L-Għaqda ta' l-Abbatini (Piccolo Clero Iklin), taħt it-tmexxija ta' Dun Mosè, ħadet spinta 'l quddiem u llum tħaddan 17-il abbati u għandha l-fuljett tagħha: *Leħen l-Abbatini*, li ħareġ għall-ewwel darba fis-sajf ta' l-1994.

Dawn il-ftit dettalji dwar il-ħidma pastorali fl-Iklin għandhom jagħtuna idea tax-xogħol li sar minn bosta nies għall-ġid tal-komunità. Tmien snin ilu anqas konna noħolmu li nsejħu l-Iklin "komunità"; illum, il-komunità mhix ħolma iżda realtà. Jekk inżommu din f'moħħna u nafdaw fil-Mulej, li waħdu jibni d-dar tiegħu li hi l-komunità nisranija, ma naqtgħux qalbna meta naħdmu għall-futur; iż-żmien biss jurina r-riżultat!

# L-Istorja Pastorali ta' l-Iklin minn Josef Mario Briffa

Sabiex insibu tarf nimxu 'l quddiem irridu nifhmu kif wasalna s'hawn. Il-Komunità ta' l-Iklin, bħal kull komunità oħra, trid tara x'kisbet tul is-snin biex timxi 'l quddiem.

L-ewwel forma ta' servizz pastorali fl-Iklin huwa wieħed qadim ferm. Il-Kappella ta' San Mikiel, li llum naraw fuq l-għolja tas-Simblija, ilha wieqfa minn qabel il-Vista Appostolika ta' Mons. Dusina fl-1575. Mons. Dusina ħallielna deskrizzjoni tagħha - jgħidilna li l-kappella kienet mibnija fl-inħawi ta' "li Chili", viċin Ħal-Lija; kellha biss artal wieħed, u kienet nieqsa minn kollox, la kellha paviment, la bieb, u lanqas rettur. Tant hu hekk Mons. Dusina ordna li m'għandhiex tintuża għall-quddiesa qabel isirilha bieb. Il-kappella reġgħet ġiet mibnija fil-bidu tas-Seklu XVII, aktarx fl-1615, bi flus Jeronimo Hagius li waqqaf ukoll il-ġuspatronat. Nafu li Jeronimo Hagius kien benefattur kbir tal-kappella u kien ukoll sagristan; aktarx li qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu bħala eremita. Il-kappella hija mdaqqsa meta mqabbla ma' oħrajn fil-kampanja. Il-pittura titulari, li tinsab fuq l-uniku artal fil-kappella, turi lil San Mikiel rebbieħ fuq ix-xitan, iżommu b'katina. Il-kappella nżammet dejjem, fi stat tajjeb għax kellha ġnien u għalqa mħollija lilha. Insibu l-ġnejna u l-għalqa msemmija f'bosta dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-kappella, u l-flus li kienu jidħlu mill-qbiela tagħhom kien imur fil-fondi tagħha. Fil-kappella nsibu sett ta' gandlieri, vażetti u *carte di gloria*, kollha arġentati lejn nofs is-seklu dsatax. Id-devozzjoni tan-nies ta' Ħal-Lija lejn San Mikiel tidher ukoll minn kwadru ex-voto ta' San Mikiel li jġib id-data 1633. Dan il-kwadru, li konna nsibu f'din il-kappella sal-1974, ġie rrestawrat u llum huwa miżmum fil-Mużew Parrokkjali ta' Ħal-Lija.

Sa xi snin ilu kienu jiġu ċċelebrati żewġ festi ta' San Mikiel, waħda nhar it-8 ta' Mejju, u l-oħra nhar id-29 ta' Settembru. Dawn il-festi kienu jiġu ċċelebrati b'vespri lejlet, u quddies nhar kull festa. Illum il-festa tiġi ċċelebrata b'quddiesa wara nofs in-nhar, nhar l-aħħar Ħadd ta' Settembru. Il-festa hija ħelwa u ta' min jattendi għaliha, minbarra li hija l-unika ġurnata li fiha din il-ġawhra ta' kappella tkun miftuħa għall-pubbliku.

Il-Kappella bil-mod il-mod tilfet l-importanza tagħha tant li lejn il-bidu ta' dan is-seklu kienet tintuża biss fil-festi. Għalhekk, meta fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet beda tiela' dan il-bini kollu, l-eqreb knisja kienet jew ta' Ħal-Lija jew ta' Birkirkara. Fil-bidu tat-tmeninijiet inkera garaxx fil-bidu ta' Triq Stefano Erardi sabiex jintuża għat-tagħlim tad-duttrina tat-tfal ta' l-Iklin (il-parti li kienet dejjem mal-parroċċa ta' Ħal-Lija).

Beda jinħass il-bżonn ta' garaxx akbar, kemm għad-duttrina kif ukoll għall-quddies. Fuq inizjattiva tal-Kappillan ta' Ħal Lija, Dun Alfred Xuereb, fl-1987 inkera garaxx akbar fi Triq Louis F. Mizzi (viċin ta' fejn illum hemm iċ-Ċentru San Ġwann Bosco) u fis-sajf ta' dik is-sena beda jsir quddies darba fil-ġimgħa, nhar ta' Sibt fil-5.00 p.m., kif ukoll nhar l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, fis-6.15 p.m. Il-garaxx kien vojt għal kollox: bdejna b'mejda żgħira bħala artal (mejda li llum tinsab fis-sagristija), b'żewġ xemgħat u salib żgħir ta' l-injam, u siġġijiet mill-Knisja l-Qadima tas-Salvatur... kien bidu żgħir. Iżda miż-żerriegħa x-xitla bdiet tikber. Dun Mosè Borġ, Rettur taċ-Ċentru Pastorali, ħadem biex bil-mod il-mod iċ-Ċentru jimxi 'l quddiem. Ħa ħsieb li jsir artal aktar xieraq, li jinxtraw siġġijiet aktar komdi, li ssir il-Via Sagra, li jsiru l-ambone u l-konfessinarju; inxtraw il-fannijiet u sistema ta' loud-speakers. Saru xi karti għall-kant, u aktar tard inxtraw il-kotba. Waqt li ċ-Ċentru baqa' jissebbaħ u jsir iktar xieraq bħala d-Dar ta' Alla, kompla jsir iktar popolari u importanti; bdiet issir quddiesa nhar ta' Ħadd fl-10.00 a.m., u fis-sajf ta' l-1990 beda jsir il-quddies kuljum, kull filgħaxija fis-6.15 p.m., fuq inizjattiva tal-Kappillan ta' Ħal-Lija, Dun Alfred Xuereb. Dun Mosè ħa ħsieb li jibdew isiru wkoll l-Adorazzjoni nhar it-tieni Tnejn ta' kull xahar kif ukoll il-Via Sagra nhar l-ewwel Tlieta tax-xahar. Ir-riżultat ta' dan ix-





xogħol beda jidher l-aktar waqt it-Tberik; il-komunità kienet bdiet tingħaqad! F'dan l-ewwel Ċentru rat il-bidu tagħha l-Għaqda ta' L-Abbatini, bħalma raw il-bidu tagħhom bosta għaqdiet oħra. Nhar il-31 ta' Jannar 1993, fl-istess triq taċ-Ċentru Pastorali, infetaħ iċ-Ċentru għad-Duttrina San Ġwann Bosco, li għadu jintuża għat-tagħlim tad-duttrina sa llum.

Iż-żmien iġib miegħu il-bidla, u dan jidher anki fl-Iklin. Nhar it-3 ta' Lulju 1993, l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Ġużeppi Mercieca ħareġ digriet li, permezz tiegħu, iż-Żona ta' l-Iklin fil-parroċċi ta' Ħal-Lija u ta' Sant'Elena, Birkirkara, ingħaqdu f'Żona waħda, għalissa marbuta mal-parroċċa ta' Ħal Lija. Benefattur għoġbu jagħti post fi Triq Ġużeppi Calleja lill-parroċċa ta' Ħal-Lija, biex ikun jista' jintuża għall-użu pastorali. B'ħidma tal-Kappillan, Dun Nazzareno Caruana, dan il-post ġie rranġat biex jista' jintuża bħala Kappella u nġarr kollox miċ-Ċentru Pastorali ta' Triq L.F. Mizzi. Dan iċ-Ċentru Pastorali tbierek mill-Vigarju Ġenerali Mons. Annetto Depasquale nhar is-Sibt, 24 ta' Lulju 1993.

F'Settembru ta' wara Dun Charles J. Scicluna, saċerdot residenti l-Iklin, ġie mistieden minn Dun Nazzaren biex jibda jqaddes il-quddiesa tat-8.30 a.m. kull nhar ta' Ħadd. Il-Komunità setgħet tibda tiltaqa' iktar numeruża biex tiċċelebra l-liturġija b'mod iktar dinjituż. Fil-bidu ta' l-1994 Fr. Paul Pace S.J. beda jqaddes il-quddiesa ta' l-10.00 a.m. nhar ta' Ħadd. Reġa' beda jiltaqa' l-Kunsill Pastorali, u ċ-Ċentru stess kompla jiġi msebbaħ: saru dwal ġodda, ġiet irranġata s-sistema tal-loud speakers, inxtraw kotba ġodda tal-kant, u saret Via Sagra ġdida. Dun Charles irregala ċensier liċ-Ċentru Pastorali li żżanżan f'Ħamis ix-Xirka ta' din is-sena. Fis-16 ta' Mejju 1994 bdiet tiġi ċċelebrata quddiesa kuljum filgħodu fit-8.30 a.m. u bdew jieħdu ħsiebha Dun Charles u Fr. Nicholas Cachia. Fiċ-Ċentru Pastorali ta' Triq Ġużeppi Calleja saru għall-ewwel darba l-Quddiesa ta' nofs-il-lejl tal-Milied (fl-1993), ta' Ħamis ix-Xirka bil-ħasil tar-riġlejn (fl-1994) u t-Tifkira tal-Passjoni tal-Mulej nhar il-Ġimgħa l-Kbira (fl-1995). Iċ-Ċentru Pastorali organizza għall-ewwel darba l-purċissjoni bil-Bambin lejlet il-Milied 1994 u dak inhar ukoll saret il-priedka tat-tifel miktuba għall-okkażjoni minn Lewis Scicluna. Għall-Ġimgħa Mqaddsa 1995 iżżanżan sett ta' erbatax-il salib tal-Via Sagra bid-dawl. Intużaw għall-ewwel darba fi Triq Karmenu Vassallo.

Avveniment importanti fl-istorja pastorali tal-komunità ta' l-Iklin kienet il-Festa tal-Komunità li ġiet organizzata nhar it-22 ta' Lulju 1994. Diversi lajċi ħadmu għalenija taħt it-tmexxija ta' Dun Charles u ta' Lewis Scicluna biex organizzaw attività soċjali li ferrħet lil ħafna nies u kienet pass importanti fil-bini tal-komunità. L-attività, li saret fi Pjazza Ninu Cremona, bdiet b'quddiesa mmexxija mill-Kappillan u kkonċelebrata minn Dun Mosè u Dun Charles.

Fil-ħarifa ta' l-1994 bdew diversi inizjattivi ġodda. Diversi nisa għamlu l-kors ta' katekisti u bdew jgħinu fis-servizz ta' katekeżi offrut miċ-Ċentru tad-Duttrina San Ġwann Bosco. Grupp sabiħ ta' lajċi, immexxija mill-koppja Joe u Marlene Galea, bdew jiltaqgħu kull ħmistax għal laqgħat ta' riflessjoni u tagħlim dwar il-Bibbja (EBDA). Dun Charles ħa ħsieb ilaqqa' grupp ta' żgħażagħ għal attività differenti darba kull xahar. Dawn il-laqgħat laħqu mument importanti fil-*Live-In* għar-Randan li sar fil-YTC Bungalow il-Buskett f'Marzu 1995, u li għalih attendew 23 żagħżugħ u żagħżugħa. L-Għaqda ta' l-Abbatini (Piccolo Clero Iklin), taħt it-tmexxija ta' Dun Mosè, ħadet spinta 'l quddiem u llum tħaddan 17-il abbati u għandha l-fuljett tagħha: *Leħen l-Abbatini*, li ħareġ għall-ewwel darba fis-sajf ta' l-1994.

Dawn il-ftit dettalji dwar il-ħidma pastorali fl-Iklin għandhom jagħtuna idea tax-xogħol li sar minn bosta nies għall-ġid tal-komunità. Tmien snin ilu anqas konna noħolmu li nsejħu l-Iklin "komunità"; illum, il-komunità mhix ħolma iżda realtà. Jekk inżommu din f'moħħna u nafdaw fil-Mulej, li waħdu jibni d-dar tiegħu li hi l-komunità nisranija, ma naqtgħux qalbna meta naħdmu għall-futur; iż-żmien biss jurina r-riżultat!



***Dun Mosè Borg f'waħda mill-ewwel quddisiet li qaddes fiċ–ċentru pastorali fi Triq Lewis F. Mizzi.***



***Il-Katekista Marlene Galea mat-tfal li għamlu l-Ewwel Tqarbina fl-1991.***



*Tberik tal-Kappella fi Triq Ġużeppi Calleja 1993.*




*Dun Mosè Borg ma' Dun Charles Scicluna fil-Quddiesa fil-lejl tal-Milied 1993.*